MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 495/2011

**Rita Sacco**

**Vs**

**Mikiel Zahra**

L-attrici ddikjarat li hi l-proprjetarja tal-fond Gesu Maria, numru 27, Triq il-Kuncizzjoni, Nigret, Zurrieq. Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob li tithalla taghmel xoghol fi tlett hitan murija fil-pjanta annessa mar-rikors guramentat, billi tinghata access ghall-arja tal-fond numru 2, Sqaq numru 1, Triq il-Kuncizzjoni, Nigret, Zurrieq proprjeta tal-konvenut. Jidher ghalhekk li l-attrici qeghda ssostni li dan ix-xoghol jista' jsir biss min-naha tal-proprjeta tal-konvenut. Fir-rikors guramentat jinghad li x-

xoghol jikkonsisti fil-kisi, ghoti ta’ spirtu, u tikhil tal-hitan. Jinghad wkoll li hemm qasma bejn il-fond tal-konvenut u l-hitan tal-fond tal-attrici, li hemm bzonn tigi ssiggillata.

Permezz ta’ nota prezentata fl-4 ta’ Lulju 2011 il-konvenut iddikjara:-

*“...... m’huwiex qed jikkontesta t-talbiet attrici, fl-istess waqt jitlob ili dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex jigi assikurat li x-xogholijiet li ser isiru kif indikat fir-rikors guramentat ma jikkagunaw l-ebda hsara fil-fond tar-rikorrent, u inkonvenjent mill-anqas lir-rikorrent, u li x-xogholijiet isiru bl-aktar mod celeri possibbli u fi zmien li jigi prefiss mill-Qorti.”*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici u:-**

**1. Tiddikjara li l-attrici ghandha tithalla taghmel ix-xoghol li jissemma hawn fuq billi l-haddiema li ser tinkariga jinghataw access ghall-arja tal-fond numru 2, Sqaq numru 1, Triq il-Kuncizzjoni, Nigret, Zurrieq. Sabiex jigu evitati ekwivoci x-xoghol ghandu jsir fil-hitan murija bil-kulur ahdar fil-pjanta Dok. A u jkun jikkonsisti f’tikihil, kisi, ghoti ta’ spirtu u tibjid. L-access ghall-arja tal-fond tal-konvenut ghandu jinghata wkoll sabiex tinghalaq konsentura li hemm fiz-zewg hitan tal-proprjeta tal-kontendenti.**
**2. Tordna li l-konvenut m’ghandux izomm lill-attrici milli jaghmel tali xogholijiet.**
**3. Tordna li x-xoghol isir bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. f’perjodu ta’ ghaxart (10) ijiem jew iktar skond kif tista’ tordna l-qorti wara li jsir rikors, u li wara li jitlesta l-attrici tiehu hsieb li ghas-spejjez taghha jsir tindif f’dik il-parti tal-fond tal-konvenut fejn ser ikun qieghed isir ix-xoghol mill-haddiema nkarigati mill-attrici.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------